# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-31 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 569/2010 SM**

**John (I.D. 448351 M) u**
**Antonia (I.D. 398456 M)**
**konjugi Camilleri u Kirsty**
**Camilleri (I.D. 154791 M)**

**vs.**

**Sandro Caruana (I.D. 117268 M),**
**Jason Zerafa (I.D. 282085 M), u**
**Michael Alain Spiteri (I.D. 29165 A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Gunju, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-30 t'Awwissu, 2006, ir-rikorrenti Kirsty Camilleri, dak iz-zmien minorenni, attendiet *party* organizzat mill-intimati fl-*Exiles* tas-Sliema;

1.2. Illi matul l-istess, tfajla isimha mhux maghruf, laqtet fjakkola bil-konsegwenza li nar spicca fuq l-imsemmija rikorrenti u fuq din l-istess tfajla li laqtet il-fjakkola *de quo*, isimha mhux maghruf;

1.3. Illi lir-rikorrenti Kirsty Camilleri ikkagunala diversi griehi fosthom hruq – tant li kellha tittiehed l-isptar dakinihar stess;

1.4. Illi ghall-akkadut jahtu l-intimati li bhala organizzaturi tal-istess avveniment kienu negligenti, imprudenti, non-kuranti tal-inkolumita` ta' haddiehor, u li bi ksur tar-regolamenti, poggew fjakkoli mad-dawra tal-*Exiles Water Polo Club* minghajr ma hadu prekawzjonijiet xierqa biex jevitaw li l-imsemmija fjakkoli jkunu ta' perikolu ghal dawk li jattendu l-istess avveniment minnhom organizzat;

1.5. Illi rizultat tal-incident in dizamina r-rikorrenti sofrew danni bil-mod segwenti:

1.5.1. Il-konjugi rikorrenti sofrew spejjez ghal kura ta' binthom Kirsty;

1.5.2. Ir-rikorrenti Kirsty Camilleri sofriet danni konsistenti:

1.5.2.i. F'telf minhabba dizabilita` permanenti ta' 4%;

1.5.2.ii. Fi spejjez li ghada tinkorri bhala rizulatat tal-istess griehi sofferti;

1.6. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li l-incident in dizamina li kawza tieghu wegghet ir-rikorrenti Kirsty Camilleri sehh tort u htija tal-intimati jew min minnhom minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta' kura u/jew

ksur ta' regolament fl-organizzazzjoni tal-*party* in dizamina;

1.6.2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.6.3. Tillikwida l-istess danni sofferti mill-konjugi Camilleri u Kirsty Camilleri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

1.6.4. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu d-danni hekk likwidati lill-istess rikorrenti;

1.6.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-istess rikors;

2.0. Rat id-digrieti taghha diversament preseduta datati d-29 ta' Lulju, 2010, li permezz taghhom, (ara foll 8 u 9):

2.1. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghad-data hemm indikata; u

2.2. Tat dawk l-istruzzjonijiet proceduralі lill-partijiet ghall-ahjar amministrazzjoni tal-istess procedura;

3. Rat il-verbal datat is-27 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu l-partijiet qabblu li t-terminu ghar-risposta guramentata jigi estiz sal-ahhar ta' Novembru, 2010, bil-ghan li tigi esplorata l-possibilita`, ghalkemm zghira, ta' transazzjoni, (ara foll 16);

4.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Sandro Caruana, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

4.1. Illi preliminarjament mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti *stante* li meta iffirma l-applikazzjoni ghall-permess ghall-*party* in dizamina, ghamel hekk biss fil-vesti tieghu ta' Segretarju tal-Kumitat tal-*Exiles Waterpolo Club*;

4.2. Illi l-imsemmi Club hu l-proprjetarju tal-post fejn sar l-imsemmi festin;

4.3. Illi ghalhekk m'ghandu l-ebda rabta personali mal-kaz *de quo*;

4.4. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4.5. Illi di piu`, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.6. Illi fil-mertu:

4.6.1. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.6.2. L-incident *de quo* gara unikament fuq responsabbilita` ta' terzi, senjatament it-tfajla isimha mhux maghruf imsemmija fl-istess rikors guramentat promotur mill-istess rikorrenti, li laqtet il-fjokkola in dizamina, u l-persuni li poggew il-fjakkoli fil-post minghajr il-kunsens tal-esponent;

4.6.3. Illi l-incident in kwistjoni ma garax minhabba negligenza jew traskuragni tal-intimat odjern li segwa r-regolamenti kollha necessarji;

4.6.4. Illi ghalhekk m'ghandux jirrispondi ghad-danni;

4.6.5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma esagerati u sproporzjonati meta paragunati ma dak li attwalment garrbet ir-rikorrenti Kirsty Camilleri;

4.6.6. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datata id-9 ta' Dicembru, 2010, li permezz tieghu innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 31 u 32);

6.0. Rat ir-risposta annessa man-nota datata t-22 ta' Gunju, 2011, li permezz taghha l-intimat Jason Zerafa sintetikament irrisponda s-segwenti, (ara foll 41, 114, 120 sa 122, u 126):

6.1. Illi din il-qorti hi inkompetenti *ratione valoris stante* li l-ammont ta' danni allegatament sofferti mir-rikorrenti ma jeccedux €11,646.87;

6.2. Illi fil-mertu:

6.2.1. It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

6.2.2. L-intimat mhux responsabbli ghad-danni sofferti;

6.2.3. Illi fit-30 t'Awwissu, 2006, flimkien mal-intimat Michael Alain Spiteri, organizza *party* l-*Exiles* u dan, bil-permess relattiv tal-Pulizija;

6.2.4. Illi l-istess permess kien jeskludi persuni ta' eta` ta' anqas minn sittax (16) -il sena;

6.2.5. Illi ghalhekk kien hemm zewg (2) membri tal-Korp tal-Pulizija jezaminaw il-karta tal-identita` ta' dawk dehlin fl-istess post, flimkien ma' zewg *bouncers* appozitament minnhom ingaggati biex jissorveljaw l-istess *party*;

6.2.6. Illi l-post in dizamina hu wiehed miftuh u l-probabilita` hi li r-rikorrenti Kirsty Camilleri dahlet minn x'imkien iehor biex ma turix il-karta tal-identita`;

6.2.7. Illi l-intimat odjern kien liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati;

6.2.8. Illi mhux responsabbli ghal griehi u danni sofferti mir-rikorrenti Kirsty Camilleri;

6.2.9. Illi l-incident in dizamina sehh minhabba n-negligenza u imprudenza tal-istess Kirsty Camilleri;

6.2.10. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti;

6.2.11. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

6.2.12. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

6.2.13. Salv risposti ulterjuri;

7. Rat id-digriet taghha datat is-7 t'April, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju *de quo* biex tirritorna l-inkartament fl-atti tal-procedura odjerna, (ara foll 117);

8. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, wara nota kongiuntiva datata s-6 ta' Mejju, 2014, fir-rigward, (ara foll 119), appuntat lill-espert tekniku hemm indikat biex jirrelata fir-rigward, (ara foll 125);

9. Rat id-digriet ulterjuri fir-rigward, datat it-13 ta' Novembru, 2014, li peress li giet informata li l-espert tekniku precedentement nominat ma kienx accetta l-istess nomina, issostitwietu b'espert tekniku iehor kif hemm indikat, (ara foll 127);

10. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet u wara li kienu ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 210), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 227);

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Kirsty Camilleri datata l-31 ta' Jannar, 2017, (ara foll 229), flimkien ma dik tal-intimat Sandro Caruana, datata l-14 ta' Marzu, 2017, (ara foll 243), u dik tal-intimat Jason Zerafa datata l-15 ta' Marzu, 2017, (ara foll 249);

12. Semghet ix-xhieda prodotta;

13. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonjiet guramentati prodotti u max-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

14. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

15. Illi tirrileva preliminarjament li jirrizulta li l-intimat Michael Alain Spiteri baqa' fi stat ta' kontumacja *stante* li ma intavolax ir-

risposta guramentata li hu seta' jipprezenta fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrenti;

16. Illi f'dan ir-rigward issir biss referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Dr. Aaron Galea Cavallazzi nomine vs. Asfaltar Limited*** datata t-***23 ta' Lulju, 2014***, li tghid:

> "Illi, kif gie deciz minn dawn il-qrati ghadd ta' drabi, l-kontumacja m'ghandiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha tal-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, (ara ***Appell Civili***, fl-ismijiet ***Gerada vs. Attard, Kollez. Vol. XLIII. I. 545***), u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artiklu 158 tal-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma";

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fir-rigward tal-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna, dawn jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

17.1. Illi fit-30 t'Awwissu, 2006, kien inzamm festin fl-*Exiles Waterpolo Club* li kien munit bil-permess necessarju tal-Kummissarju tal-Pulizija, (ara foll 67 u 98);

17.2. Illi dan il-festin ma kienx accessabbli ghal tfal taht is-sittax (16) -il sena, u in effetti zewg Pulizija kienu stazzjonati fuq il-post biex jigi assikurat li hadd li jkun taht din l-eta` ma jacceddi ghal-istess festin, (ara foll 170);

17.3. Illi r-rikorrenti Kirsty Camilleri, ghalkemm dakinhar kienet taht is-sittax -il sena, irnexxiela taccedi ghall-istess, (ara foll 70A u 160), billi eludiet is-sorveljanza u l-kontrolli tal-Pulizija, tal-*bouncers* u tal-membri tal-kumitat li kien hemm fuq il-post, (ara foll 46, 70A, 106, 113, 171 u 175);

17.4. Illi fir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

17.4.1. Illi r-rikorrenti Kirsty Camilleri ma kienitx xtrat il-biljett taghha biex tidhol ghall-festin *de quo* hi stess, (ara foll 160);

17.4.2. Illi kien xi hadd minn shaba li ha hsieb li jixtri l-biljetti;

17.4.3. Illi dahlet fil-post in dizamina, dahlet meta l-Pulizija ma kienux fl-area minn fejn dahlet, (ara foll 160);

17.4.4. Illi in effetti meta dahlet fil-post tal-festin *de quo* lanqas biss kellha l-biljett ghall-istess, (ara foll 161), *nonostante* li fid-dikjarazzjoni guramentata taghha ssosstni li dahlet wara li hallset ghall-biljett fl-entratura, (ara foll 72);

17.4.5. Illi ssosstni li pero` kienu shaba li kienu xtrawla l-biljett *de quo* (ara foll 161);

17.4.6. Illi pero` meta kienet mistoqsija minn kienu dawn shaba tghid li ma tafx, (ara foll 161);

18. Illi l-incident in dizamina sehh meta xi hadd mhux maghruf waqqa' fjakkola bil-konsegwenza li nar mill-istess tar fuq ir-rikorrenti Kirsty Camilleri u ikkagunala l-griehi riskonstrati, (ara foll 72 u 161);

19. Illi jirrizulta li l-post fejn sar il-festin in dizamina kien imzejjen bil-fjakkoli ghall-okkazzjoni, (ara foll 67);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rizultat tal-incident *de quo* ir-rikorrenti Kirsty Camilleri ssosstni s-segwenti, (ara foll 225):

20.1. Illi sofriet danni;

20.2. Illi dawn kienu jirrigwardaw l-ispejjez inkorsi biex tigi ikkurata;

20.3. Illi jinkludu telf ta' lukru rizultat tad-dizabilita` permanenti rizultanti;

20.4. Illi jinkludu wkoll spejjez ohra konsistenti f'dawn li ghad tinkorri in konsegwenza tal-griehi li soffriet;

21. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati jinstabu responsabbli ta' negligenza, imprudenza, non-kuranza u/jew ksur tar-regolamenti, meta poggew fjakkoli mal-perimetru tas-sit fejn sari l-festin in dizamina liema fjakkoli kienu ta' periklu ghall-persuni li attendew l-istess festin minnhom organizat;

Ikkunsidrat:

22. Illi preliminarjament ser tigi epurata l-ewwel l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Sandro Caruana, dik rigwardanti l-preskrizzjoni tal-azzjoni *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 17);

23. Illi l-artiklu 2153 fuq indikat jistabbilixxi s-segwenti:

> "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";

24. Illi l-artiklu *de quo* japplika ghal danni li jirrizultaw minn htija ossia, kolpa extra-kontrattwali;

25. Illi ghandu jkun pacifiku li minhabba n-natura tal-kaz l-artiklu applikabbli effettivament jirrizulta li hu l-artikolu fuq hawn riferit fejn allura l-perjodu preskrittiv hu dak ta' sentejn (2);

26. Illi *di piu`*, issir ukoll referenza ghall-artiklu 2137 tal-istess Kap fuq indikat li jistabbilixxi li t-terminu *de quo* jibda:

> "... minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss";

27.0. Illi fir-rigward jigi sottolineat is-segwenti:

27.1. Illi l-incident in dizamina sehh fit-30 t'Awwissu, 2006, (ara foll 65 u 172);

27.2. Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata l-10 ta’ Gunju, 2008, ir-rikorrenti gabu l-istess a konjizzjoni tal-intimati, (ara foll 4);

27.3. Illi fl-4 ta’ Gunju, 2010, giet ipprezentata il-procedura odjerna, (ara foll 1);

28. Illi konsegwentement jirrizulta assodat li l-perjodu ta’ sentejn (2) kif preskritt fl-artiklu 2153 tal-Kap 16 *de quo* kien interrott u l-procedura in dizamina ghalhekk tirrizulta li giet inoltrata fit-terminu skont il-ligi;

29. Illi konsegwentement, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hekk sollevata mill-intimat in dizamina ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi fir-rigward tal-mertu tal-procedura odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi l-organizzaturi tal-festin in dizamina kienu debitament ottenew il-permess necessarju minghand il-Korp tal-Pulizija, (ara fol 34 u 37);

30.2. Illi l-istess permess ma giex ipprezentat *in atti* ghaliex *nonostante* ir-recerka li saret fl-Ghassa ta’ Tas-Sliema ghall-istess permess, dan baqa’ ma nstabx, (ara foll 170);

30.3. Illi minn analisi tad-deposizzjonijiet tal-persuni kkoncernati jirrizulta li l-organizzaturi tal-avveniment in dizamina hadu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jizguraw l-andament sikur tal-istess, u dan, billi:

30.3.1. Assikuraw li l-entratura tkun sorveljata bil-Pulizija, (ara foll 170);

30.3.2. Inkarigaw orgaizzaturi professjonali biex jorganizzaw l-istess avveniment, (ara foll 34 u 37);

30.3.3. Illi di piu`, l-istess organizzaturi tal-festin kienu qed jivverifikaw li hadd li jkun taht l-eta` ma jidhol, (ara foll 175), u baqghu il-hin kollu tal-festin stazzjonati fl-istess entratura ghal dan l-iskop, (ara foll 177);

30.3.4. Illi ghalhekk, jirrizulta pacifiku li l-entratura ghall-istess festin kienet mghassa sew biex ikun zgurat li kull minn jithalla jidhol ghall-istess avveniment ikollu 'l fuq minn sittax (16) -il sena;

Ikkunsidrat:

31. Illi rizultat tas-suespost jirrizulta assodat li l-organizzaturi tal-istess avveniment, flimkien mal-Pulizija involuti u mal-organizzaturi proprja tal-festin in dizamina qdew id-doveri taghhom bl-ahjar mod biex il-festin *de quo* jitmexxa b'inkolumita` ghall-partecipanti;

Ikkunsidrat:

32. Illi konsegwentement, tenut kont tal-area pjuttost estensiva fejn kien qed isehh il-festin *de quo*, il-probabbilita` hi li r-rikorrenti, dak iz-zmien minorenni u ghalhekk taht l-eta` permessa biex taccedi ghall-istess, senjatament hmistax (15) il-sena, (ara foll 70A), ma dahhlitx mill-entratura principali izda sabet xi access iehor ghall-istess skop;

Ikkunsidrat:

33. Illi konsegwenza tal-istess, jirrizulta li l-incident in dizamina sehh minhabba l-imprudenza tal-istess rikorrenti Kirsty Camilleri li kienet f'post li hi kienet taf li ma kelliex tkun;

34. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li l-incident in dizamina ma sehhx tort u htija tal-ebda wiehed mill-intimati fuq indikati;

35. Illi meta l-istess rikorrenti Kirsty Camilleri – konsapevoli li kienet persuna taht l-eta` - xorta ghazlet li tidhol f'post ghaliha pprojbit, ma tistax issa tippretendi li tindirizza r-responsabbilita`

ta' dak li gara minhabba n-nuqqas ta' hsieb taghha fuq l-intimati;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ippruvawx il-kaz taghhom fuq il-mertu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

36.1. Illi preliminarjament tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Sandro Caruana rigwardanti l-preskrizzjoni minnu sollevata *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

36.2. Takkolji r-risposti tal-intimati Caruana u Zerafa;

36.3. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

36.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura jinqassmu ghal zewg terzi (2/3), kontra r-rikorrenti u t-terz (1/3) rimanenti kontra l-intimat Sandro Caruana.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**